# Tagħrif fuq l-iżvilupp ta' żoni residenzjali fis-Siġġiewi

F'din il-kitba tiegħi se nagħti ħarsa ħafifa fuq kif żviluppa s-Siġġiewi u l-binjiet residenzjali ta' madwaru. Sejrin naraw ukoll kif kien ilbieraħ u kif inhu llum. Dan it-tagħrif ħadtu minn xi kotba li ġew f'idejja kif ukoll minn dak li smajt u li ma nixtiqux li jintesa.

Matul dawn l-aħħar snin, il-popolazzjoni tar-raħal kibret sew. Rajna żvilupp kbir fil-qasam tal-kostruzzjoni u art agrikola nbidlet f'binjiet residenzjali. Dan seħħ l-aktar għax kienu qegħdin jinbiegħu xi artijiet mill-privat, ingħataw artijiet b'ċens mill-Knisja u l-Gvern ħaseb għal binjiet residenzjali. B'dan il-bini ġdid fir-raħal ġew joqogħdu xi nies minn barra s-Siġġiewi u b'hekk il-popolazzjoni kibret. Bejn l-1985 u l-2011 il-popolazzjoni tar-raħal kibret minn 5864 għal 8140.

### Il-Binja f'Ta' Fonzu

L-ewwel binja residenzjali li se nsemmu hija l-Binja Ta' Fonzu. Minn din iż-żona ġġib quddiem għajnejk id-dehra pittoreska tas-Salib tal-Għolja u l-inħawi ta' madwaru. Din il-binja Ta' Fonzu jgħidulha hekk probabbilment għal xi ħadd li kien jismu Fonzu jew Alfonzu. Minn ħabel raba' li kien magħruf mill-bdiewa bħala Ta' Fonzu, issa l-binja kollha bdiet tissejjaħ hekk. Kienet wita ta' art ftit kbira u kienet imqassma fi ħbula ta' raba' mibnija bil-ħitan tas-sejjieħ. Kien kollu raba' bagħli b'art tajba u li tagħti prodotti tajbin.

Meta kelli madwar għaxar snin niftakar li darba waħda smajt bidwi li kien ħdejn ix-xatba tal-għalqa li kellu f'Ta' Kappella (quddiem in-niċċa tal-Madonna tal-Erwieħ tal-Knisja l-Qadima, kemm taqsam it-triq) jitkellem ma' bidwi ieħor. Dan il-bidwi kien qiegħed jgħidli, b'subgħajh merfugħ 'il fuq iħares lejn Ta' Fonzu, li missieru kien jgħid: "Xi mkien 'l hemm fuq kien hemm nixxiegħa żgħira li kienet tnixxi l-ilma għal ġo ħofra li nixfet maż-żmien."

### F'Ta' Fonzu u madwar kien hemm dawn il-postijiet:

**Is-Swieqi:** Dawn kienu żewġt iħbula raba'. *Swieqi* huwa l-plural ta' *sieqja* li tfisser kanal għall-ilma tax-xita li l-bidwi ġeneralment kien jagħmel bil-moħriet f'wiċċ il-ħamrija. Hemm ukoll sieqja oħra li l-bidwi kien jagħmel biz-zappuna għat-tisqija tas-siġar fil-konok jew ħmiemel. Il-Kunsill Lokali semma triq b'dan l-isem fiż-żona Ta' Fonzu.

**Il-Bewwiela:** Din hija għalqa li tnixxi l-ilma ('The oozy field, the easily flooded field')[2]. Fil-fatt mat-triq ta' Bur il-Kbir, fil-bidu int u sejjer lejn ir-Rabat, mal-lemin kien hemm wied żgħir għall-ilma tax-xita li kien jiġi ġol-għelieqi.

**Bir / Bur / Bieb il-Felu:** Il-kelma Felu ġejja minn kunjom li kien jeżisti fis-seklu ħmistax. Fil-lista tas-suldati tad-Dejma fl-1419-1420 hemm imniżżla Micheli Felu u Muni Feli f'Casali Calleia et Musta (il-Mosta). F'din il-lista hemm aktar nies b'dan il-kunjom. Felu huwa wkoll wild iż-żiemel jew il-ħmar.



*Joseph Schembri*

**Tal-Imwieġel jew Imwieġen:** Din hija l-plural miksur tal-kelma "maġel" jew "maġen" li tfisser qasam art watja fejn kien hemm xi ġibjuni. Il-kelma hija wkoll l-isem ta' ġnien qrib is-Siġġiewi.[3]

**Bur il-Kbir:** Bur tfisser post fejn ir-rgħajja kienu jieħdu l-merħliet tagħhom biex jirgħawhom. Huwa qasam art moxa; huwa wkoll triq f'tarf is-Siġġiewi li tgħaqqad it-triq ta' Lapsi ma' dik tar-Rabat.

Fis-snin tmenin, kont tkellimt ma' Miss Marija Delia (Miss Peppina kif konna nsibuha), oħt il-Patri Ġiżwita Ġużeppi Delia, il-poeta tal-leġġendi, tal-ħlewwa u tat-tjubija. Hija kienet qaltli hekk: "Konna rekbin fuq karettun sejrin lejn Għar Lapsi. Kif wasalna f'salib it-toroq fejn Tal-Imwieġel, ħija ż-Żużu (Ġużeppi) qal lil ommi: 'Ma jien irrid insir tabib tal-erwieħ', jiġifieri saċerdot. Oħt ommi, Sor Skolastika, li kienet soru tal-klawsura ta' San Benedittu fl-Imdina, kienet dejjem titlob biex ħija Żużu jsir saċerdot. Meta ommi kienet iltaqgħet m'oħtha s-soru, Sor Skolastika, u qaltilha bl-aħbar li t-tifel Ġużeppi jrid isir saċerdot, tgħidx kemm ħadet pjaċir."

### Kappelli żgħar li kellhom konnessjoni ma' Ta' Fonzu

**Il-Kappella ta' Santa Marija ta' Kabra** kienet tinsab fl-għalqa li Ġużeppi Farrugia kellu f'Ta' Bir il-Felu. Ma nafux min kien il-fundatur tagħha. Ġużeppi, la kellu din il-kappella fl-għalqa tiegħu, kellu l-obbligu li jieħu ħsiebha u li jagħmel il-festa bl-għasar u l-quddiesa. Matul il-viżta pastorali tal-Isqof Gargalli, nhar it-3 ta' Lulju 1594, insibu li waħda mara kunjomha Acupard kienet kull nhar ta' Ħadd tmur tixgħel il-lampier. Ma' din il-kappella kien hemm ċimiterju żgħir. Matul il-viżta pastorali tiegħu li saret nhar it-8 ta' Diċembru 1625, l-Isqof Gagliares ipprofana din il-kappella.[4]

**Il-Kappella ta' San Ġakbu** hija ddedikata lil San Ġakbu l-Kbir, Appostlu. Fit-2 ta' Frar 1575, Mons. Dusina żar din il-kappella mal-Kappillan Dun Ġakbu Calleja. Il-Kappillan għamel dikjarazzjoni quddiem Mons. Dusina fejn qallu li l-kappella għandha dħul minn għalqa f'Ta' Bieb il-Felu u li kull sena tiġi ċċelebrata l-festa bl-għasar u l-quddiesa. Meta l-Isqof Cubellas żar din il-kappella sabha fi stat ħażin

ħafna għax kienet qed tiġġarraf. Għalhekk ipprofanaha u ordna li kulma kellha jmur fil-parroċċa. [5]

**Il-Kappella ta' San Stiefnu** kienet mibnija fl-għalqa li kellu Duminku Bugeja mill-Qrendi, f'Tal-Imwieħen. Huwa kellu l-obbligu li jiċċelebra l-festa ta' San Stiefnu kull sena bl-għasar u l-quddiesa. Bertu Farrugia, li kellu l-għalqa tmiss ma' din il-kappella, kellu wkoll l-obbligu li jiċċelebra l-festa kull sena, imma fl-4 t'Awwissu. Mons. Dusina sab li din il-kappella kienet qed tiġġarraf. Kemm Duminku kif ukoll Bertu ġew ordnati biex isewwuha u, jekk ma jagħmlux dan, titteħdilhom il-propjetà. L-obbligi li kien hemm f'din il-kappella ġew trasferiti lill-parroċċa.[6]

**Il-Kappella tat-Twelid ta' San Ġwann il-Battista** kienet mibnija fl-inħawi tal-Imwieġen. Din il-kappella ma kellhiex dħul fiss, kienet tiddependi mill-għotjiet tal-Insara biex issir il-festa ta' San Ġwann Battista bl-għasar u l-quddiesa. Matul iż-żjara ta' Mons. Dusina, din il-kappella ġiet ipprofanata.[7]

## Il-monument, il-ġnien pubbliku u t-toroq f'Ta' Fonzu

**Il-Monument ta' Pawlu Aquilina (1929-2009), Edukatur u Poeta:** Il-Kunsill Lokali flimkien mal-Għaqda Kulturali waqqfu monument f'ġieħ dan il-wild Siġġiewi. L-inawgurazzjoni tal-monument saret mill-President Emeritus ta' Malta Dr Ugo Mifsud Bonnici fl-assenza tal-President ta' Malta Dr George Abela li kien indispost. Il-kxif tal-monument sar nhar il-Ħadd 26 ta' Frar 2012. It-tberik sar mill-Arċipriet ir-Rev. Albert Buhagiar.

**Pjazza Città Ferdinand 30 ta' Diċembru 1797 - Ġnien Pubbliku:** Il-Kappillan Dun Salvatore Curso (1794-1810) talab lill-Gran Mastru Ferdinand Hompesch biex is-Siġġiewi jingħata t-titlu ta' Belt. It-talba ġiet milqugħa permezz ta' digriet li ħareġ fit-30 ta' Diċembru 1797 u li permezz tiegħu s-Siġġiewi sar Belt Ferdinand. Fir-rawndabawt ta' din il-pjazza tqiegħdet statwa tal-Kunċizzjoni nhar l-Erbgħa 20 ta' Mejju 1998.

**Triq Patri Ġużeppi Delia (1900-1980):** Dan il-patri twieled is-Siġġiewi fl-1 t'April 1900. Daħal mal-Ġiżwiti fil-11 ta' Diċembru 1917. Kien iħobb ħafna lil San Nikola u fil-jiem tal-festa kont tarah fil-knisja għall-funzjonijiet kollha. Kien iqaddes il-quddiesa tat-tmienja f'jum il-festa. Ħadem ħafna fil-kamp pastorali. Kien imfittex ħafna bħala konfessur u direttur spiritwali u predikatur tal-eżerċizzi. Kien bniedem imfittex ħafna għall-pariri, kif ukoll wieħed mill-aħjar kittieba u poeti bl-ilsien Malti. Kienet tolqtok fih, fost il-kwalitajiet l-oħra, il-ħlewwa u t-tjubija tiegħu li biha kien jersaq lejn kulħadd, kbar u żgħar, tajbin u ħżiena, sinjuri u fqar.[8] Huwa miet nhar it-Tnejn 29 ta' Settembru 1980, f'Dar Loyola, in-Naxxar. Il-funeral sar l-għada fin-Naxxar. Meta tiftaħ, din it-triq twassal għal salib it-toroq f'Tal-Imwieġel fejn Ġużeppi kien qal lil ommu li jrid isir saċerdot.

**Triq is-6 ta' Diċembru:** It-triq hija ddedikata lill-festa liturġika ta' San Nikola. L-aħħar festa ta' San Nikola fix-xitwa kienet saret bejn it-2 u s-6 ta' Diċembru 1950. L-ewwel festa fis-sajf kienet saret bejn is-6 u l-10 ta' Ġunju 1951.

**Triq Nazzareno Pisani (1897-1991):** Twieled is-Siġġiewi fit-18 t'Awwissu 1897. Miet fit-30 ta' Ġunju 1991. Kien għalliem u surmast fl-iskejjel primarji tal-Gvern u president tal-MUT fis-sena 1957. Bejn is-snin 1962 u 1966 kien elett membru fil-Parlament Malti f'isem il-Partit Nazzjonalista.

**Triq Dun Pawl Laferla (1832-1902):** Kien qassis ħabrieki mis-Siġġiewi. Fuq l-inizjattiva tiegħu saru l-istatwi tal-passjoni mat-telgħa kif ukoll is-salib monumentali f'Tal-Għolja (1896 - 1903), bl-Ingliż magħruf 'Laferla Cross'.

**Triq Lorenzo Gafà (? -1704):** Lorenzo Gafà kien wieħed mill-aħjar arkitetti ta' żmienu. Huwa l-arkitett tal-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi. L-ordni (il-forma) fl-arkitettura tal-knisja huwa Doriku, Joniku u Feniċi.

**Triq Tal-Għolja:** Din tinsab bejn it-toroq imsemmija għal Patri Ġużeppi Delia u Lorenzo Gafà. Hija tħares lejn is-Salib tal-Għolja.

**Triq ir-Rebbiegħa:** Ir-rebbiegħa hija waħda mill-erba' staġuni. Huwa perjodu sabiħ tas-sena, żmien iż-żahar u l-fjuri, meta kollox jieħu l-ħajja.

**Triq in-Newba:** In-Newba hija sustanza li jħallu fil-ħamrija ċerti prodotti bħal basal, ful u oħrajn li għandhom il-miżwed.

**Triq id-Demnuq:** Id-Demnuq huwa qasam art ftit 'il barra mis-Siġġiewi u fil-bidu ta' Triq l-Imqabba. Ma nafu xejn fuq l-oriġini ta' din il-kelma.

**Triq Filomena Bugeja (1907-1975):** Filomena kienet majjistra (qabla) magħrufa u msemmija ħafna fis-Siġġiewi li għexet fis-seklu għoxrin.

1. *Preliminary Report, Malta Census of Population and Housing 2011*
2. *Godfrey Wettinger - Place - Names of the Maltese Islands, c.a. 1300-1800, p.27*
3. *Pawlu Aquilina - Hawn twieldet u tibqa' tħabbat qalbi 2004, p. 237*
4. *Rev. Mons. V. Borg - Melita Sacra II p. 616*
5. *idem p. 659*
6. *idem p. 719*
7. *idem p. 691*
8. *Lil Ħbiebna - Novembru 1981, p. 146*